**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 16 ta' Frar, 2022**

**Talba Nru: 168/2021MD**

**Pullicin Developers Limited (C40807)**

**Vs**

**Victor Gauci**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Gunju, 2021[1] permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat jhallas s-somma ta' seba' mija u tminn Euro (€708) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' skips li baqa' ma thallasx; bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tas-16 ta' Dicembru, 2021, tat-18 ta' Jannar, 2022, u tas-27 ta' Jannar, 2022.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2021[2] u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ra x-xhieda ta' David Haber[3], rapprezentant tas-socjeta' attrici tas-seduta tat-18 ta' Jannar, 2022, fejn ikkonferma illi l-ammont ghadu dovut.

Ra l-*invoice* ipprezentata datata 17 ta' Marzu, 2021[4], liema *invoice* hija guramentata u kkonfermata minn David Haber.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mix-xhieda ta' David Haber u l-*invoice* prezentata li tindika l-bilanc dovut ghal kiri ta' skips.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u kwindi jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u tminn Euro (€708) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' skips li baqa' ma thallasx, bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Marzu, 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, inkluz l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jithallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

---

[2] *A fol* 13 tal-process.
[3] *A fol* 14 *et seq* tal-process.
[4] *A fol* 17 tal-process.